

**Brussell, 19 ta' Lulju 2022
(OR. en)**

**11494/22
ADD 1**

**EF 216
ECOFIN 746
DELECT 129**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Lulju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2022) 4845 final
Suġġett:	ANNEX tar-REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti u l-arranġamenti għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 4845 final.

Mehmuż: C(2022) 4845 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.7.2022
C(2022) 4845 final

ANNEX

ANNEX

tar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti u l-arranġamenti
għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi ta' finanzjament
kollettiv**

ANNEX

APPLIKAZZJONI GĦAL AWTORIZZAZZJONI BĦALA FORNITUR TA' SERVIZZI TA' FINANZJAMENT KOLLETTIV

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti

<u>APPLIKAZZJONI GĦAL AWTORIZZAZZJONI BĦALA FORNITUR TA' SERVIZZI TA' FINANZJAMENT KOLLETTIV</u>				
Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti				
Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
1	Applikant	1	Isem legali sħiħ	Isem legali sħiħ tal-applikant
		2	Isem(ismijiet) kummerċjali	Isem/ismijiet kummerċjali li għandhom jintużaw biex jiġu pprovduti s-servizzi ta' finanzjament kollettiv
		3	Indirizz tal-Internet	Indirizz tal-internet tas-sit tal-internet operat mill-applikant
		4	Indirizz fiżiku	L-indirizz irreġistrat tal-applikant
		5	Numru reġistrazzjoni/ID nazzjonali (fejn disponibbli)	tar-

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
		6	LEI (fejn disponibbli)	Identifikatur ta' entità ġuridika tal-applikant
2	L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuna responsabbli mill-applikazzjoni	1	Isem sħiħ	Isem(ismijiet) sħaħ u kunjom(ijiet) tal-persuna ta' kuntatt
		2	Funzjoni	Funzjoni u/jew titlu tal-persuna ta' kuntatt fi ħdan l-applikant jew status bħala persuna esterna (eż., konsulent, ditta legali) u prova li l-persuna għandha s-setgħa li tippreżenta l-applikazzjoni
		3	Indirizz postali (jekk differenti mill-indirizz fiżiku tal-applikant)	
		4	Numru tat-telefown	
		5	Indirizz tal-posta elettronika	
3	Forma ġuridika	mhux applikabbli	Forma legali ta' inkorporazzjoni skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali	

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
4	Artikoli ta' assoċjazzjoni		mhux applikabbli	Artikoli ta' assoċjazzjoni u, fejn disponibbli, att ta' inkorporazzjoni
5	<p>Programm ta' operazzjonijiet li jistabbilixxi t-tipi ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv li l-applikant biĥsiebu jipprovdi u l-pjattaforma ta' finanzjament kollettiv li biĥsiebu jopera, inkluż fejn u kif l-offerti ta' finanzjament kollettiv għandhom jiġu kkummerċjalizzati</p>	1	Informazzjoni dwar it-tipi ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv	<p>L-applikant għandu jindika:</p> <p>(a) Is-servizzi ta' finanzjament kollettiv li l-applikant biĥsiebu jipprovdi (inkroċjati kif xieraq):</p> <ul style="list-style-type: none"> <input type="checkbox"/> Faċilitazzjoni tal-għoti ta' self, li tinkludi l-għoti ta' informazzjoni rilevanti bħar-rati ta' inadempjenza tas-self <input type="checkbox"/> Tqegħid mingħajr bażi ta' impenn sod ta' titoli trasferibbli u strumenti ammessi għal finijiet ta' finanzjament kollettiv u r-riċeviment u t-trażmissjoni ta' ordnijiet fir-rigward ta' dawk it-titoli trasferibbli u l-istrumenti ammessi; <p>(b) (Fejn l-applikant jipprovdi jew biĥsiebu jipprovdi faċilitazzjoni tal-għoti ta' self) Jekk l-applikant għandux l-intenzjoni li jipprovdi ġestjoni tal-portafoll individwali ta' self inkluża deskrizzjoni tal-</p>

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
				<p>arranġamenti interni għall-forniment ta' tali attività u deskrizzjoni tal-arranġamenti kuntrattwali li l-applikant se jistabbilixxi mas-sidien tal-proġetti u mal-investituri (b'referenza partikolari għall-mandati li l-investituri se jagħtu lill-applikant);</p> <p>(c) Servizzi jew attivitajiet oħra li l-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv prospettiv biħsiebu jipprovdi (b'mod trasversali kif xieraq):</p> <ul style="list-style-type: none"> <input type="checkbox"/> Indokrar tal-assi <input type="checkbox"/> Servizzi ta' pagament <input type="checkbox"/> Użu ta' veikoli bi skop speċjali għall-forniment ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv <input type="checkbox"/> Applikazzjoni ta' punteġġi ta' kreditu għal proġetti ta' finanzjament kollettiv <input type="checkbox"/> Suġġeriment tal-prezz u/jew tar-rata tal-imgħax tal-offerti ta' finanzjament kollettiv <input type="checkbox"/> Operar ta' bord tal-bulettini <input type="checkbox"/> Stabbiliment u operar ta' fondi ta' kontinġenza;

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
				<p>(d) It-tipi ta' offerti li l-applikant jippjana li jippreżenta (bħal proġetti bbażati fuq self, proġetti bbażati fuq l-ekwità, it-tip ta' settur jew attività kummerċjali, it-tip ta' investimenti li għandhom jiġu offruti fuq il-pjattaforma ta' finanzjament kollettiv, u t-tipi ta' investituri fil-mira);</p> <p>(e) Il-proċedura tal-għażla li tistabbilixxi d-dettalji tal-metodi adottati biex jintgħażlu l-offerti li għandhom jiġu ppreżentati fuq il-pjattaforma tal-finanzjament kollettiv, inklużi n-natura u l-firxa tad-diliġenza dovuta mwettqa fir-rigward tas-sidien tal-proġetti;</p> <p>(f) L-arranġamenti biex l-offerti jsiru pubbliċi fuq il-pjattaforma tal-finanzjament kollettiv u kif l-interessi tal-investituri għal proġett ta' finanzjament kollettiv se jiġu kkomunikati lil sid il-proġett rilevanti;</p> <p>(g) Kwalunkwe servizz/attività oħra attwalment (jew maħsuba biex tiġi) ipprovduta mill-applikant mhux koperta mir-Regolament (UE) 2020/1503 li tista' tiġi pprovduta f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali inklużi referenzi għal u kopja tal-awtorizzazzjonijiet rilevanti (fejn applikabbli)</p>

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
		2	Informazzjoni dwar il-pjattaforma tal-finanzjament kollettiv	<p>Deskrizzjoni ta':</p> <p>(a) l-arranġamenti biex l-informazzjoni msemija fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2020/1503 issir disponibbli fuq is-sit web tal-pjattaforma tal-finanzjament kollettiv tal-applikant, inklużi l-arranġamenti rilevanti tal-IT;</p> <p>(b) l-arranġamenti biex il-pjattaforma tal-finanzjament kollettiv issir sistema ta' informazzjoni bbażata fuq l-internet, aċċessibbli għall-pubbliku u mingħajr aċċess diskriminatorju;</p> <p>(c) il-proċeduri u l-arranġamenti għall-forniment fil-pront, ġust u rapidu tas-servizzi ta' finanzjament kollettiv, inkluża d-deskrizzjoni ta':</p> <p>(i) il-proċeduri għar-riċeviment u t-trażmissjoni tal-ordnijiet tal-klijenti;</p> <p>(ii) is-sistemi għall-ipproċessar ta' tali ordnijiet;</p> <p>(iii) kif dawk il-proċeduri u l-arranġamenti jippermettu r-riċeviment u t-trażmissjoni u l-eżekuzzjoni tal-ordnijiet tal-klijent fuq bażi ugwali;</p> <p>(d) mekkaniżmi li l-applikant jippjana li</p>

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
				jimplimenta biex jiffaċilita l-flussi ta' informazzjoni bejn sid il-proġett u l-investituri, jew bejn l-investituri, jekk applikabbli
		3	L-istrateġija tal-kummerċjalizzazzjoni	Deskrizzjoni tal-istrateġija ta' kummerċjalizzazzjoni li l-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv prospettiv qed jippjana li juża fl-Unjoni, inklużi l-lingwi tal-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni; identifikazzjoni tal-Istati Membri fejn ir-reklami se jkunu l-aktar viżibbli fil-midja u l-mezzi ta' komunikazzjoni mistennija li se jintużaw

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
6	Deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' governanza u l-mekkaniżmu ta' kontroll intern biex tiġi żgurata l-konformità mar-Regolament (UE) 2020/1503, inkluż il-ġestjoni tar-riskju u l-proċeduri kontabilistiċi	1	Arranġamenti ta' governanza	Deskrizzjoni ta': (a) l-istruttura interna tal-applikant (organigramma, eċċ.) b'indikazzjoni tad-distribuzzjoni tal-kompiti u s-setgħat u l-linji ta' rapportar rilevanti, l-arranġamenti ta' kontroll implimentati u kwalunkwe informazzjoni utli oħra li turi l-karatteristiċi operazzjonali, il-politiki u l-proċeduri tal-applikant biex tiġi żgurata ġestjoni effettiva u prudenti; (b) il-pjan ta' reklutaġġ tal-persunal, jekk ikun hemm, għat-tliet snin li ġejjin u l-istat ta' implimentazzjoni relattiv, jew indikazzjoni tal-persunal fil-kariga li għandu jkun responsabbli għat-twettiq tas-servizzi
		2	Mekkaniżmi tal-kontroll intern	Deskrizzjoni tal-mekkaniżmu ta' kontroll intern (bħall-funzjoni tal-konformità u l-funzjoni tal-immuniġġjar tar-riskji, fejn stabbiliti) stabbilit mill-applikant, sabiex jimmonitorja u jiżgura l-konformità tal-proċeduri tiegħu mar-Regolament (UE) 2020/1503, inkluża informazzjoni dwar ir-rappurtar lill-korp maniġerjali

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
		3	Ġestjoni tar-riskji	<p>Immappjar tar-riskji identifikati mill-applikant u deskrizzjoni tal-politiki u l-proċeduri tal-ġestjoni tar-riskju għall-identifikazzjoni, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tar-riskji relatati mal-attivitajiet, il-proċessi u s-sistemi tal-applikant, inklużi:</p> <p>(a) deskrizzjoni tal-proċessi u l-metodoloġiji interni msemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2020/1503 (fejn applikabbli)</p> <p>(b) deskrizzjoni tal-politika tal-fond ta' kontinġenza msemmi fl-Artikolu 6(5), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2020/1503 (fejn applikabbli)</p>
		4	Proċeduri kontabilistiċi	Deskrizzjoni tal-proċeduri kontabilistiċi li bihom l-applikant se jirreġistra u jirrapporta l-informazzjoni finanzjarja tiegħu
7	Deskrizzjoni tas-sistemi, ir-riżorsi u l-proċeduri għall-kontroll u s-salvagwardja tas-sistema tal-ipproċessar tad- <i>data</i>	mhux applikabbli	Kontroll u salvagwardja tas-sistema tal-ipproċessar tad- <i>data</i>	<p>Deskrizzjoni ta':</p> <p>(a) l-arranġamenti interni adottati biex jiżguraw it-trattament xieraq tad-<i>data</i> personali u l-informazzjoni riċevuta mill-</p>

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
				<p>investituri, inkluż l-użu tal-clouds</p> <p>(b) il-politika għall-prevenzjoni tal-frodi u l-protezzjoni tal-privatezza/<i>tad-data</i></p> <p>(c) il-postijiet, il-metodi u l-politiki għall-arkivjar tad-dokumentazzjoni, inkluż l-użu tal-clouds</p>
8	Deskrizzjoni operazzjonali tar-riskji	1	Riskji relatati mal-infrastruttura u l-proċeduri tal-IT	<p>Deskrizzjoni tas-sorsi identifikati ta' riskji operazzjonali u deskrizzjoni tal-proċeduri, is-sistemi u l-kontrolli adottati mill-applikant għall-ġestjoni ta' dawk ir-riskji operazzjonali (affidabbiltà tas-sistema, sigurtà, integrità, privatezza, eċċ.), inkluż:</p> <p>(a) proċeduri biex jiġu evitati interruzzjonijiet operattivi;</p> <p>(b) tagħmir ta' riżerva f'postu;</p> <p>(c) miżuri dwar salvagwardji kontra l-attakki ta' hackers</p>

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
		2	Riskju relatat mad-determinazzjoni tal-offerta	Deskrizzjoni tal-għodod tekniċi u r-riżorsi umani ddedikati għad-determinazzjoni tal-offerta, b'mod partikolari d-determinazzjoni tal-ipprezzar f'konformità mal-Artikolu 4(4), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2020/1503
		3	Riskji relatati mas-servizzi ta' salvagwardja tal-assi u mas-servizzi ta' pagament (fejn applikabbli)	Fejn l-applikant biħsiebu jipprovdi servizzi ta' salvagwardja tal-assi u servizzi ta' pagament, deskrizzjoni tas-sorsi identifikati tar-riskji operazzjonali u deskrizzjoni tal-proċeduri, is-sistemi u l-kontrolli adottati mill-applikant għall-ġestjoni ta' dawk ir-riskji relatati ma' dawk is-servizzi, inkluż meta dawk is-servizzi jiġu pprovduti minn parti terza
		4	Riskji relatati mal-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet operazzjonali	Meta l-applikant ikun beħsiebu jserraħ fuq parti terza għat-tweqqif tal-funzjonijiet operazzjonali, deskrizzjoni tas-sorsi identifikati tar-riskji operazzjonali u deskrizzjoni tal-proċeduri, tas-sistemi u tal-kontrolli adottati mill-applikant għall-ġestjoni ta' dawk ir-riskji operazzjonali

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
		5	Kwalunkwe operazzjonali ieħor(oħra) applikabbli riskju(i) (fejn)	Deskrizzjoni ta' kwalunkwe sors(i) identifikat(i) ta' riskji operazzjonali u deskrizzjoni tal-proċeduri, is-sistemi u l-kontrolli adottati mill-applikant għall-ġestjoni ta' dawk ir-riskji operazzjonali
9	Deskrizzjoni tas-salvagwardji prudenzjali tal-applikant skont l-Artikolu 11 tar-Regolament 2020/1503	1	Salvagwardji prudenzjali	L-ammont ta' salvagwardji prudenzjali li l-applikant għandu fis-seħħ fiż-żmien tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni u deskrizzjoni tas-suppożizzjonijiet użati għad-determinazzjoni tiegħu
		2	Fondi proprji (fejn applikabbli)	L-ammont tas-salvagwardji prudenzjali koperti mill-fondi proprji msemmija fl-Artikolu 11(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2020/1503
		3	Polza tal-assigurazzjoni (fejn applikabbli)	L-ammont ta' salvagwardji prudenzjali tal-applikant kopert minn polza tal-assigurazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 11(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2020/1503
		4	Kalkoli u pjanijiet ta' tbassir	(a) Kalkolu mbassar tas-salvagwardji prudenzjali tal-applikant għall-ewwel tliet snin ta' negozju (b) Tbassir tal-pjanijiet kontabilistiċi għall-ewwel tliet snin ta' operat inkluż:

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
				<ul style="list-style-type: none"> (i) tbassir tal-karti tal-bilanè; (ii) tbassir tal-kontijiet tal-profitt u t-telf jew tar-rapporti tal-introjtu; (c) Suppożizzjonijiet ta' ppjanar għat-tbassir ta' hawn fuq kif ukoll spjegazzjonijiet ta' ċifri
		5	Salvagwardji prudenzjali tal-ippjanar	Deskrizzjoni tal-proċeduri ta' ppjanar u monitoraġġ tas-salvagwardji prudenzjali tal-applikant
10	Prova li l-applikant jissodifa s-salvagwardji prudenzjali tal-applikant skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2020/1503	1	Fondi proprji	<ul style="list-style-type: none"> (a) Dokumentazzjoni ta' kif l-applikant ikkalkula l-ammont skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2020/1503; (b) Għal impriżi eżistenti, dikjarazzjoni ta' kont awditjata jew reġistru pubbliku li jiċċertifika l-ammont ta' fondi proprji tal-applikant; (c) Għal impriżi fil-proċess ta' inkorporazzjoni, rendikont bankarju maħruġ minn bank li jiċċertifika li l-fondi huma ddepożitati fil-kont bankarju tal-applikant

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
		2	Polza tal-assigurazzjoni	<p>(a) Kopja tal-polza tal-assigurazzjoni sottoskritta li tinkorpora l-elementi kollha meħtieġa għall-konformità mal-Artikolu 11(6) u (7) tar-Regolament (UE) 2020/1503, fejn disponibbli, jew</p> <p>(b) Kopja tal-ftehim ta' assicurazzjoni preliminari li jinkorpora l-elementi kollha meħtieġa għall-konformità mal-Artikolu 11(6) u (7) tar-Regolament (UE) 2020/1503 iffirmit minn impriża awtorizzata li tipprovdi assicurazzjoni skont il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali</p>
11	Deskrizzjoni tal-pjan tal-kontinwità tan-negozju	mhux applikabbli	Pjan ta' kontinwità tal-kummerċ	Deskrizzjoni tal-miżuri u l-proċeduri li jiżguraw, fil-każ ta' falliment tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv prospettiv, il-kontinwità tal-forniment ta' servizzi kritiċi relatati ma' investimenti eżistenti u amministrazzjoni tajba ta' ftehimiet bejn il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv prospettiv u l-klijenti tiegħu, inkluż, fejn applikabbli, dispożizzjonijiet għas-servizzjar kontinwu ta' self pendenti, notifika tal-klijenti u trasferiment tal-arranġamenti ta' salvagwardja tal-assi

Qasam		Qasam Sekondarju:	Deskrizzjoni	
12	Prova ta' reputazzjoni tajba tal-azzjonisti li direttament jew indirettament għandhom 20 % jew aktar tal-kapital azzjonarju jew tad-drittijiet tal-vot	Is-sotto-oqsma 1–10 għandhom jiġu ripetuti u mimlija għal kull wiehied mill-azzjonisti li direttament jew indirettament għandhom 20 % jew aktar tal-kapital azzjonarju jew tad-drittijiet tal-vot		
		Meta l-azzjonist li jkollu 20 % jew aktar tal-kapital azzjonarju jew tad-drittijiet tal-vot ma jkunx persuna fiżika, is-sotto oqsma 8 u 9 għandhom jimtlew għall-entità ġuridika u jiġu ripetuti u mimlija għal kull membru tal-korp maniġerjali u persuni oħra li effettivament imexxu n-negozju		
		1	Ċart tal-istruttura tas-sjieda	Ċart tal-istruttura tas-sjieda tal-applikant li turi s-sehem individwali tal-azzjonisti li direttament jew indirettament għandhom 20 % jew aktar tal-kapital azzjonarju jew tad-drittijiet tal-vot
		2	Isem	<ul style="list-style-type: none"> (a) Isem(ismijiet) sħiħ u kunjom(ijiet) fil-każ ta' persuni fiżiċi; (b) Numru tal-ID nazzjonali (ID jew passaport) fil-każ ta' persuni fiżiċi; (c) L-isem ġuridiku u l-forma ġuridika, fil-każ ta' persuni ġuridiċi; (d) Numru tal-ID/tar-reġistrazzjoni nazzjonali (fejn disponibbli) fil-każ ta' persuni ġuridiċi
3	Data u post tat-twelid (fejn applikabbli)	Data u post tat-twelid tal-azzjonisti li huma persuni fiżiċi		

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
		4	Domiċilju jew indirizz irreġistrat	(a) Id-domiċilju, fil-każ ta' persuni fiżiċi (b) L-indirizz irreġistrat, fil-każ ta' persuni ġuridiċi
		5	Informazzjoni addizzjonali fil-każ ta' persuni ġuridiċi	Meta l-azzjonist li jkollu 20 % jew aktar tal-kapital azzjonarju jew tad-drittijiet tal-vot ikun persuna ġuridika, lista sħiħa tal-membri tal-korp maniġerjali u tal-persuni li effettivament jidderieġu n-negozju tiegħu, l-isem, id-data u l-post tat-twelid, id-domiċilju tagħhom, in-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali tagħhom fejn disponibbli
		6	Ammont tal-parteċipazzjoni	L-ammont tal-kapital azzjonarju jew tad-drittijiet tal-vot miżmuma mill-persuna f'valur assolut u f'termini perċentwali. Fil-każ ta' azzjonist indirett, l-ammont għandu jirreferi għad-detentur intermedju
		7	Informazzjoni fil-każ ta' azjenda indiretta	L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuna li permezz tagħha jinżamm il-kapital azzjonarju jew id-drittijiet tal-vot

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
		8	Prova ta' reputazzjoni tajba	<p>(a) Ċertifikat uffiċjali jew dokument ekwivalenti ieħor skont il-liġi nazzjonali li jagħti prova tan-nuqqas ta' rekords kriminali;</p> <p>(b) Informazzjoni dwar investigazzjonijiet u/jew proċedimenti kriminali, kif ukoll kawżi ċivili u amministrattivi rilevanti, fir-rigward ta' ksur ta' regoli nazzjonali fl-oqsma tal-liġi kummerċjali, il-liġi dwar l-insolvenza, il-liġi dwar is-servizzi finanzjarji, il-liġi kontra l-ħasil tal-flus, il-liġi dwar il-frodi jew l-obbligi ta' responsabbiltà professjonali, b'mod partikolari permezz ta' ċertifikat uffiċjali (jekk u sa fejn ikun disponibbli mill-Istat Membru jew mill-pajjiż terz rilevanti) jew permezz ta' dokument ekwivalenti ieħor. Fil-każ li jkunu ġew imposti sanzjonijiet ċivili jew amministrattivi f'wieħed mill-oqsma msemmija hawn fuq, għandha tiġi pprovduta deskrizzjoni dettaljata tagħhom. Għal investigazzjonijiet jew proċedimenti li jkunu għaddejnin, l-informazzjoni tista'</p>

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
				<p>tiġi pprovduta permezz ta' dikjarazzjoni fuq l-unur;</p> <p>(c) Informazzjoni dwar rifjut ta' reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja biex jitwettaq kummerċ, negozju jew professjoni; jew l-irtirar, revoka jew it-tmiem ta' tali reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja; jew tkeċċija minn korp regolatorju jew tal-gvern jew korp jew assoċjazzjoni professjonali. Għandha tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar kwalunkwe proċedura li tkun għaddejja relatata ma' dan ta' hawn fuq;</p> <p>(d) Informazzjoni dwar tkeċċija mill-impjeg relatata ma' pożizzjonijiet u kompiti li jikkonċernaw il-ġestjoni ta' fondi jew relazzjonijiet fiduċjarji simili u deskrizzjoni tar-raġunijiet għal tali tkeċċija</p>

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
		9	Valutazzjoni preeżistenti (u li għadha għaddejja)	Informazzjoni dwar jekk valutazzjoni tar-reputazzjoni tajba tal-azzjonist kinitx diġà (jew qed tiġi) mwettqa minn awtorità kompetenti oħra jew kwalunkwe awtorità oħra skont leġislazzjoni finanzjarja oħra, inkluż l-isem ta' dik l-awtorità u, fejn applikabbli, id-data u l-eżitu tal-valutazzjoni tagħha
		10	Informazzjoni dwar l-istruttura tal-grupp (fejn applikabbli)	Informazzjoni dwar jekk l-applikant huwiex: (a) sussidjarja ta' fornitur ta' servizz ta' finanzjament kollettiv awtorizzat f'dak l-Istat Membru l-ieħor; (b) sussidjarja tal-impriża prinċipali ta' fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv li tkun awtorizzata fi Stat Membru ieħor; (c) kkontrollat mill-istess persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jikkontrollaw fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv awtorizzat fi Stat Membru ieħor.
13	L-identità tal-persuni fiżiċi responsabbli għall-ġestjoni tal-applikant u prova li l-persuni fiżiċi involuti fil-ġestjoni tal-applikant huma	Is-sotto oqsma 1–12 għandhom jiġu ripetuti u mimlija għal kull persuna fiżika li hija membru tal-korpi manġerjali jew superviżorji tal-applikant, u għal kull persuna fiżika li effettivament tmexxi n-negozju Is-sotto oqsma 1–8 u 10–11 għandhom jiġu ripetuti u mimlija għal kull persuna fiżika li hija responsabbli mill-funzjonijiet ta' kontroll intern (fejn maħtura)		

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
ta' reputazzjoni tajba u għandhom biżżejjed għarfien, ħiliet u esperjenza biex jimmaniġġjaw il-fornitur prospettiv ta' finanzjament kollettiv u jimpenjaw biżżejjed ħin għat-twettiq ta' dmirijiethom	1	Isem sħiħ	Isem(ismijiet) sħaħ u kunjom(ijiet) tal-persuna fiżika rilevanti	
	2	Numru tal-passaport/ID		
	3	Data u post tat-twelid		
	4	Domiċilju		
	5	Indirizz postali	Indirizz postali, jekk differenti mill-indirizz tad-domiċilju	
	6	Numru tat-telefown		
	7	Indirizz elettronika tal-posta		

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
		8	Pożizzjoni	Pożizzjoni fi ħdan il-korp maniġerjali jew l-organizzazzjoni tal-applikant li fiha tinħatar il-persuna fiżika
		9	Prova ta' reputazzjoni tajba	<p>(a) Ċertifikat uffiċjali jew dokument ekwivalenti ieħor skont il-liġi nazzjonali li jagħti prova tan-nuqqas ta' rekords kriminali;</p> <p>(b) Informazzjoni dwar investigazzjonijiet jew proċedimenti kriminali, kif ukoll kawżi ċivili u amministrattivi rilevanti, fir-rigward ta' ksur ta' regoli nazzjonali fl-oqsma tal-liġi kummerċjali, il-liġi dwar l-insolvenza, il-liġi dwar is-servizzi finanzjarji, il-liġi kontra l-ħasil tal-flus, il-liġi dwar il-frodi jew l-obbligi ta' responsabbiltà professjonali, b'mod partikolari permezz ta' ċertifikat uffiċjali (jekk u sa fejn ikun disponibbli mill-Istat Membru jew mill-pajjiż terz rilevanti) jew permezz ta' dokument ekwivalenti ieħor. Fil-każ tal-eżistenza ta' sanzjonijiet ċivili</p>

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
				<p>jew amministrattivi fir-rigward tal-oqsma msemija hawn fuq, għandha tiġi pprovduta deskrizzjoni dettaljata tagħhom. Għal investigazzjonijiet jew proċedimenti li jkunu għaddejjin, l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta permezz ta' dikjarazzjoni fuq l-unur;</p> <p>(c) Informazzjoni dwar rifjut ta' reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja biex jitwettaq kummerċ, negozju jew professjoni; jew l-irtirar, revoka jew it-tmiem ta' tali reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja; jew tkeċċija minn korp regolatorju jew tal-gvern jew korp jew assoċjazzjoni professjonali. Għandha tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar kwalunkwe proċedura li tkun għaddejja relatata ma' dan ta' hawn fuq;</p> <p>(d) Informazzjoni dwar tkeċċija mill-impjieg relatata ma' pożizzjonijiet u kompiti li jikkonċernaw il-ġestjoni ta' fondi jew relazzjonijiet fiduċjarji simili u</p>

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
				deskrizzjoni tar-raġunijiet għal tali tkeċċija;
		10	<i>Curriculum Vitae</i>	<p><i>Curriculum vitae</i> li jiddikjara:</p> <p>(a) l-edukazzjoni rilevanti (inkluż l-isem/ismijiet u t-tip(i) tal-istituzzjoni(jiet) edukattiva(i), it-tip, u d-data tad-diploma(i)) u t-taħriġ professjonali (inkluż is-suġġett tat-taħriġ, it-tip(i) tal-istituzzjoni(jiet) edukattiva(i) u d-data sa meta tlesta t-taħriġ);</p> <p>(b) esperjenza professjonali rilevanti (fis-settur finanzjarju u barra minnu), inklużi l-ismijiet tal-organizzazzjonijiet kollha li għalihom il-persuna tkun ħadmet, u n-natura u t-tul tal-funzjonijiet imwettqa (dati tal-bidu u tat-tmiem) u r-raġuni għat-tluq (funzjoni ġdida fi ħdan il-kumpanija/grupp, tluq volontarju, tluq furzat jew skadenza tal-mandat);</p> <p>(c) għall-pożizzjonijiet miżmuma fl-10 snin preċedenti, meta jiġu deskritti dawk l-attivitajiet, għandhom jiġu inklużi dettalji dwar is-setgħat kollha miżmuma u l-oqsma tal-operazzjonijiet taħt kontroll.</p>

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
				Il- <i>curriculum vitae</i> jista' jinkludi wkoll dettalji (isem, indirizz, numru tat-telefon, email) ta' kwalunkwe persuna(i) ta' referenza li jistgħu jiġu kkuntattjati mill-awtorità kompetenti (dan il-qasam mhuwiex obbligatorju)
		11	Żmien li għandu jiġi ddedikat għat-twettiq tad-dmirijiet	<p>Informazzjoni dwar il-ħin minimu li ser ikun iddedikat għat-twettiq tal-funzjonijiet tal-persuna fi ħdan il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv prospettiv (indikazzjonijiet annwali u ta' kull xahar), inkluż informazzjoni dwar:</p> <p>(a) l-għadd ta' karigi ta' direttur f'kumpaniji finanzjarji u mhux finanzjarji miżmuma minn dik il-persuna fl-istess ħin;</p> <p>(b) il-karigi ta' direttur f'organizzazzjonijiet li ma jsegwux b'mod predominanti objettivi kummerċjali miżmuma minn dik il-persuna fl-istess ħin;</p> <p>(c) attivitajiet professjonali esterni oħra, u kwalunkwe funzjoni oħra u attività rilevanti, kemm fis-settur finanzjarju kif ukoll barra minnu</p>

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
		12	Valutazzjoni preeżistenti (jew li għadha għaddejja) tar-reputazzjoni u l-esperjenza	L-informazzjoni dwar jekk valutazzjoni tar-reputazzjoni tajba u tal-għarfien u l-esperjenza tal-persuna fiżika kinitx diġà (jew qed tiġi) mwettqa minn awtorità kompetenti oħra jew kwalunkwe awtorità oħra skont leġislazzjoni finanzjarja oħra inkluża d-data tal-valutazzjoni, l-identità ta' dik l-awtorità u, fejn applikabbli, id-data u l-eżitu ta' din il-valutazzjoni
		13	Awtovalutazzjoni tal-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenza kollettivi	Detalji tar-risultat tal-valutazzjoni dwar il-pussess kollettiv ta' għarfien, ħiliet u esperjenza suffiċjenti għall-ġestjoni tal-fornitur ta' finanzjament kollettiv prospettiv mill-persuni fiżiċi involuti fil-ġestjoni tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv prospettiv, imwettqa mill-applikant innifsu
14	Deskrizzjoni tar-regoli interni li jipprevjenu lill-persuni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/1503 milli jinvolvu ruħhom, bħala sidien tal-proġetti, f'servizzi ta' finanzjament kollettiv offruti mill-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament	mhux applikabbli	Proċeduri interni dwar il-kunflitti ta' interess tas-sidien tal-proġetti	Deskrizzjoni tar-regoli interni rilevanti adottati mill-applikant

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
	kollettiv prospettiv			
15	Deskrizzjoni arranġamenti esternalizzazzjoni	tal- ta'	mhux applikabbli	Informazzjoni arranġamenti esternalizzazzjoni
				Deskrizzjoni ta': <ul style="list-style-type: none"> (a) il-funzjonijiet operazzjonali li l-applikant jippjana li jesternalizza, inkluża l-esternalizzazzjoni tal-cloud; (b) il-partijiet terzi li lilhom jiġu esternalizzati l-funzjonijiet operazzjonali (fejn disponibbli), inkluża l-indikazzjoni tal-post tagħhom u sommarju tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni f'każ li l-parti terza tkun tinsab f'pajjiż terz (fejn disponibbli); (c) l-arranġamenti interni u r-riżorsi allokatu għall-kontroll tal-funzjonijiet esternalizzati; (d) il-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz fis-seħħ mal-fornituri tas-servizzi

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
16	Deskrizzjoni tal-proċeduri biex jiġu ttrattati l-ilmenti mill-klijenti	mhux applikabbli	Informazzjoni dwar it-trattament tal-ilmenti	Deskrizzjoni tal-proċeduri biex jiġu ttrattati l-ilmenti mill-klijenti adottati mill-applikant, inkluż il-perjodu ta' żmien li fih se tiġi nnotifikata deċiżjoni dwar l-ilment lil ilmentaturi potenzjali, kif previst fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE)...../..... [OP: C(2022) 4848]
17	Konferma dwar jekk l-applikant għandux l-intenzjoni li jipprovdi servizzi ta' pagament huwa stess jew permezz ta' parti terza, skont id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ¹ , jew permezz ta' arranġament f'konformità mal-Artikolu 10(5) tar-Regolament (UE) 2020/1503	mhux applikabbli	Informazzjoni dwar servizzi ta' pagament	<p>1. L-applikant għandu jinforma lill-awtorità kompetenti jekk is-servizzi ta' pagament humiex se jiġu pprovduti (aqta' kif xieraq):</p> <p><input type="checkbox"/> L-applikant innifsu. Jekk iva, l-applikant għandu jipprovdi informazzjoni dwar l-awtorizzazzjoni rilevanti bħala fornitur ta' servizzi ta' pagament skont id-Direttiva (UE) 2015/2366.</p> <p><input type="checkbox"/> Parti terza awtorizzata Jekk dan ikun il-każ, l-applikant għandu jindika l-isem tal-parti terza, u l-applikant għandu jissottometti kopja tal-ftehim sottoskritt mal-parti terza li jinkorpora l-elementi kollha meħtieġa għall-konformità mar-Regolament (UE) 2020/1503,</p>

¹ Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE, 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
				<p>meta disponibbli, jew kopja tal-ftehim preliminari mal-parti terza, li jinkorpora l-elementi kollha meħtieġa għall-konformità mar-Regolament (UE) 2020/1503 iffirmit minn parti terza awtorizzata għal servizzi ta' hłas skont il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali.</p> <p><input type="checkbox"/> Permezz ta' arranġamenti f'konformità mal-Artikolu 10(5) tar-Regolament (UE) 2020/1503, li jiżgura li s-sidien tal-proġetti jaċċettaw finanzjament ta' proġetti ta' finanzjament kollettiv, jew kwalunkwe pagament ieħor, biss permezz ta' fornitur ta' servizzi ta' pagament f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/2366. Jekk iva, l-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni ta' dawn l-arranġamenti.</p> <p>2. L-applikant għandu jinkludi deskrizzjoni tal-proċeduri u s-sistemi stabbiliti li permezz tagħhom il-fondi mill-investituri se jintbagħtu lis-sid tal-proġett u li permezz tagħhom l-investituri se jirċievu r-rimunerazzjoni tal-kapital investit</p>

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
18	Proċeduri għall-verifika tal-kompletezza, il-korrettezza u ċ-ċarezza tal-informazzjoni li tinsab fl-iskeda bl-informazzjoni ewlenija dwar l-investment	mhux applikabbli	Proċeduri fuq l-iskeda bl-informazzjoni ewlenija dwar l-investment	Deskrizzjoni tar-regoli interni rilevanti adottati mill-applikant
19	Proċeduri fir-rigward tal-limiti ta' investment għal investituri mhux sofistikati msemmija fl-Artikolu 21(7) tar-Regolament (UE) 2020/1503	mhux applikabbli	Proċeduri dwar il-limiti ta' investment għal investituri mhux sofistikati	<p>1. L-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-proċeduri adottati sabiex:</p> <p>a) titwettaq il-valutazzjoni dwar jekk u liema servizzi ta' finanzjament kollettiv offruti huma xierqa, inklużi dettalji dwar l-informazzjoni mitluba lill-investituri mhux sofistikati dwar l-esperjenza tagħhom, l-oġettivi ta' investment, is-sitwazzjoni finanzjarja u l-fehim bażiku tar-riskji involuti fl-investment b'mod ġenerali u fl-investment fit-tipi ta' investimenti offruti fuq il-pjattaforma ta' finanzjament kollettiv, imsemmija fl-Artikolu 21(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2020/1503</p> <p>b) titwettaq is-simulazzjoni meħtieġa għal investituri prospettivi mhux sofistikati tal-kapaċità tagħhom li jġarrbu telf, imsemmija fl-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE) 2020/1503</p> <p>c) tiġi provduta l-informazzjoni msemmija fl-</p>

Qasam		Qasam Sekondarju:		Deskrizzjoni
				<p>Artikolu 21(4) tar-Regolament (UE) 2020/1503</p> <p>2. L-applikant għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-proċeduri adottati mill-applikant dwar il-limiti ta' investiment għal investituri mhux sofistikati, inkluża d-deskrizzjoni tal-kontenut tat-twissija ta' riskju speċifiku u l-arranġamenti biex jinkiseb il-kunsens espliċitu mill-investitur.</p>